**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Dicembru 2016

Rikors Nru : 452/16 AL

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgha (2007) (certifikat taz-zwieg hawn anness u market Dok. "A", u minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal;
Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Patricia Hall mit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru tas-sena

elfejn u hdax (2011) kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u markata Dok. "B";

Illi l-partijiet ilhom ighixu mhux flimkien ghal perjodu ta' aktar minn erba` (4) snin mill-ahhar hamsa qabel illum;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti stante illi minbarra ilhom 'il fuq minn erba` snin (4) mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejniet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Ottubru 2016;

Rat illi l-intimata ma ipprezentatx risposta u ma dehritx ghas-seduta tal-Qorti, minkejja li giet notifikata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta' Novembru 2011 u ilhom de facto separati  ghal aktar minn erba' snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.